DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2023/854

tal-24 ta' April 2023

li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fis-26 ta' Lulju 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2010/413/PESK [1] dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran.

(2) F'konformità mal-Artikolu 26(3) tad-Deċiżjoni 2010/413/PESK, il-Kunsill eżamina mill-ġdid il-lista ta' persuni u entitajiet indikati li tinsab fl-Anness II ta' dik id-Deċiżjoni.

(3) Abbażi ta' dak ir-rieżami, jenħtieġ li l-entrata li tikkonċerna persuna waħda elenkata fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2010/413/PESK titneħħa minn dak l-Anness. Jenħtieġ li tiġi aġġornata entrata waħda inkluża fl-Anness II.

(4) Għalhekk id-Deċiżjoni 2010/413/PESK jenħtieġ li tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness II tad-Deċiżjoni 2010/413/PESK huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fil-Lussemburgu, l-24 ta' April 2023.

Għall-Kunsill
Il-President
J. BORRELL FONTELLES

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/413/PESK tas-26 ta' Lulju 2010 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li thassar il-Pożizzjoni Komuni 2007/140/PESK (ĠU L 195, 27.7.2010, p. 39).

ANNESS

L-Anness II tad-Deċiżjoni 2010/413/PESK huwa emendat kif ġej:

(1) l-entrata 10 (li tikkonċerna lil Rostam QASEMI) fil-lista bl-intestatura "II. Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC)", taħt is-subintestatura "A. Persuni" titħassar;

(2) taħt l-intestatura "I. Persuni u entitajiet involuti fl-attivitajiet nukleari jew tal-missili ballistiċi u persuni u entitajiet li jipprovdu appoġġ lill-Gvern tal-Iran", l-entrata li ġejja tissostitwixxi l-entrata korrispondenti fil-lista li tinsab taħt is-subintestatura "B. Entitajiet":

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
"12.	Fajr Aviation Composite Industries	Mehrabad Airport, PO Box 13445-885, Tehran, Iran	Sussidjarja tal-IAIO fi ħdan il-MODAFL it-tnejn indikati mill-UE li primarjament tipproduċi materjali komposti għall-industrija tal-inġenji tal-ajru. Fajr Aviation Composite Industries tipproduċi wkoll droni, li allegatament qed jintużaw għad-destabbilizzazzjoni reġjonali.	26.7.2010"